MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 10(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, id-29 ta' Settembru 2009, fil-5.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Mhux preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Kunsillier** | Steven Grech – skużat |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Il-*Playground* tal-Magħluq
6. *Resurfacing* ta' parti minn Triq iż-Żejtun
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 9(2009) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Dwar Para 4.2 (laqgħa mal-Enemalta dwar il-propost tkabbir tal-*Power* Station), il-Kunsillier Pomroy informa 'l Kunsill li waqt il-laqgħa li kienet saret fil-31 ta' Awwissu 2009, il-Kunsill kien ġie nfurmat li l-permess għat-tkabbir tal-impjant f'Delimara kien jinvolvi *Planning Gain* ta' madwar €250,000. Din is-somma setgħet tintuża għall-bini ta' Ċentru Ċiviku li jinkorpora *Child Care Centre*, ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani, uffiċċju amministrattiv għall-Kunsill, berġa u ammeljorament tal-faċilitajiet fil-Kinder tal-Iskola Primarja. Dwar dan is-suġġett kellu jsir kuntatt mal-Inġ. Ray Piscopo tal-MEPA. Il-Kunsillier Pomroy tkellem ukoll dwar it-tħammil li ġie approvat madwar il-Freeport , liema permess kien jinħtieġ li l-Freeport iħallas €741,000 bħala kontribut lill-UIF. Il-Kunsill Lokali Marsaxlokk seta' japplika ukoll għal parti minn dan il-fond.

**3.2** Dwar Para 4.4 (EIS dwar il-proposti "Diesel Engine Generators"), is-Segretarju Eżekuttiv kien talab lill-MEPA għal estensjoni sal-4 ta' Ottubru 2009 sabiex il-Kunsill jissottometti l-kummenti tiegħu dwar l-EIS.

**3.3** Dwar Para 5.1 (laqgħa mal-Onorevoli Dr Chris Said), għad iridu jintbagħtu l-pjanti tal-area ta' fejn il-Kunsill ippropona li jinbena Ċentru Ċiviku.

**3.4** Dwar Para.7.2 (xogħlijiet mhux aċċettabbli tal-Hydrorocks Construction), il-Kunsill qabel unanimament li jsir ftehim mal-kuntrattur biex fejn ix-xogħol ma kienx sar għas-sodisfazzjon tal-Kunsill, dan jerġa' jinqala' u jsir mill-ġdid. Il-kuntrattur aċċetta dan il-ftehim u li l-Kunsill iżomm lura10% tal-ħlas bħala *retention money.*

**4.** **<u>Korrispondenza</u>**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar l-ilment tas-Sur Bugeja, resident f'Triq Melqart, minħabba l-ħsejjes tat-traffiku li jgħaddi minn fuq ir-rampa tat-tarmac li baggħet f'wiċċ it-triq wara li tneħħa s-*sleeping policeman*, il-Kunsill qabel li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill ineħħu t-tarmac li qed joħloq dan l-inkonvenjent.

**4.3** Dwar l-istedina tas-Segretarju Parlamentari, Dr Mario de Marco, għal laqgħa mal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill talab li s-Segretarju Eżekuttiv jinforma lil Dr de Marco li l-aġenda li xtaq jiddiskuti tinkludi d-DVD tal-Aphrodite Thematic Network, it-tempji ta' Tas-Silġ u għajnuna sabiex issir Heritage Trail f' Marsaxlokk u mappa turistika tal-lokalita'.

**4.4** Il-Librara, is-Sinjura Carmen Scicluna, li nkitbet għal kors ta' sentejn fl-Universita' ta' Malta li jwassal għal *Diploma in Library and Records Management,* talbet sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jħallas is-somma ta' €233 għall-kors. Il-Kunsill approva din l-ispiża unanimament.

**5.** **<u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**5.1** Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet tas-Sindku.

**6.** **<u>Il-*Playground* tal-Magħluq</u>**

**6.1** Il-Perit Marvin Ellul wera l-pjanti li kien ipprepara għal *Playground* ġdid fil-Magħluq u l-Kunsill talbu jagħmel stima tax-xogħlijiet meħtieġa.

**7.** **<u>*Resurfacing* ta' parti minn Triq iż-Żejtun</u>**

**7.1** Il-Kunsill approva li toħroġ sejħa għal offerti biex isir *resurfacing* ta' parti minn Triq iż-Żejtun bejn Triq San Ġużepp u Triq l-Arznell. Il-Viċi-Sindku kien ġa għamel estimi ta' dan ix-xogħol xi tlett snin ilu u kellu jaġġorna dawn l-estimi u jinkludi estimi ukoll għal *resurfacing* ta' parti minn Triq San Ġużepp minn Triq Santa Katerina sa Triq iż-Żejtun.

**8.** **<u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

**9.1** Il-Kunsillier Cassar, issekondat mill-Viċi-Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| ADT | Tneħħija ta' xogħlijiet mhux approvati | 602.54 |
| Andrew Vassallo | *Manhole Cover, Square Frame & Manhole Cover* | 40.69 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Magħluq u tindif tal-*litter bins* ħdejn Binja Ħal Ġinwi, Ġunju u Lulju 09 (X7) | 122.29 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġuże' Cassar, Ġnien il-Familja u tindif tax-Xatt, Ġunju u Lulju 09 (X20) | 512.40 |
| Anġlu Cutajar | Qtugħ ta' ħaxix u tindif Triq Xrobb l-Għaġin | 372.70 |
| Anġlu Cutajar | Ġbir ta' skart u qtugħ ta' ħaxix ħdejn il-Waterpolo Pitch | 93.17 |
| Anton Zarb | Tiswija tan-*Name Pole*Triq San Ġużepp/Pjazza | 319.56 |
| Asfaltar | OGEM - *patching* Triq it-Torri, Ġunju 09 | 632.36 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Awwissu 09 (40hrs X €5.59/hr) | 223.60 |
| Carmel Mifsud | Tindif tax-Xatt Lulju w Awwissu 09 | 2645.56 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 09.09.09 | 43.71 |
| Cleansing Services Dept | Extra Services-Latrine attendant 31Lulju 1 u 2 Aww 09 | 301.14 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Awwissu 09 | 1257.26 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Awwissu 09 | 269.65 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Awwissu 09 | 626.39 |
| Cleansing Services Dept | Qtugħ ta' ħaxix u tindif Triq it-Trunċiera | 398.96 |
| Elaine Dimech | *Storytelling 17* - 21 ta' Awwissu 09 | 93.12 |
| Elaine Dimech | *Storytelling 25* - 29 ta' Awwissu 09 | 93.12 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Awwissu 09 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Awwissu 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Awwissu 09 | 58.23 |
| G4S | *Cash-in-transit* Awwissu 09 | 30.26 |
| GO | 21659555, Awwissu 09 | 23.65 |
| GO | 21652525, Awwissu 09 | 197.20 |
| GO | 21650937, Awwissu 09 | 43.39 |
| GO | 21652392, Kera Sett 09 | 15.58 |
| Garden of Eden Garage | Trasport għat-tfal għall-Playmobil | 68.71 |
| Greenlines | Kiri ta' 4 *Mobile Toilets* għall-Festa | 354.00 |
| J J Ironmongery | Kiri ta' 20 siġġijiet għal żewġt iġranet - Awwissu 09 | 12.00 |
| Jason Gauci | *Mobile Cards* Sett 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Awwissu 09 | 80.68 |
| Marsaxlokk A.S.C. | Reklam fil-fuljett | 116.50 |
| Merlin Library | Kotba għal-Librerija | 117.55 |
| Merlin Library | Kotba għal-Librerija | 27.81 |
| Nexos | *Street lighting maintenance* Awwissu 09 | 604.95 |
| Nexos | *Street lighting maintenance* Awwissu u Sett 09 | 148.54 |
| OPAL | 2 *Cradle Safety Seats* għall-bandli | 510.00 |
| Patrick Cellars | Ilma tal-fliexken | 28.00 |
| Schembri Concrete Blocks | 3 kaptelli | 30.93 |
| Silvan Carabott | 2 kuruni tal-fjuri għal funerali | 45.00 |
| Solutions | Dummy CCTV cameras | 117.50 |
| Sound Solutions | *Sound System,* Inawgurazzjoni tal-proġett tal-armar | 499.14 |

| | | |
|---|---|---|
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 56.81 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 16.08 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 58.04 |
| | **Total** | **€16425.63** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

## 9. <u>Affarjiet Oħra</u>

**9.1** Il-Kunsillier Pomroy ippreżenta l-progamm tal-attivitajiet għall-Festa tal-Ħut "Mir-Raħal tas-Sajjieda" li kellha ssir is-Sibt u l-Ħadd, 17 u 18 ta' Ottubru 2009. Il-Kunsillier Pomroy wkoll informa 'l Kunsill li nhar il-Ħadd, 11 ta' Ottubru 2009, kien ser isir marċ u program f'Xatt is-Sajjieda mill-Staffordshire Army Cadet Force Band.

**9.2** Il-Viċi-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ressaq mozzjoni sabiex f'kull laqgħa tal-Kunsill jingħata rendikont tax-xogħol li jkunu għamlu l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill. Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**9.3** Fit-22 ta' Settembru 2009, il-Kunsillier Pomroy u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa organizzata mill-WasteServ dwar it-tariffi ġodda għar-rimi ta' skart domestiku mħallat fil-*landfill sites.* Mill-1 ta' Ottubru 2009, dawn kellhom jogħlew minn €0.60 għal €20 għal kull tunnellata. Minn din id-data, il-Gvern Ċentrali kien ser iżid l-allokazzjoni ta' kull Kunsill għal din l-ispiża addizzjonali. Pero', jekk il-Kunsilli jirnexxilhom inaqqsu l-ammont ta' skart imħallat, din is-somma xorta tibqa' tingħata lilhom mingħajr tnaqqis.

**9.4** Fl-22 ta' Settembru wkoll, il-Kunsillier Pomroy u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mas-Sur Paul Spiteri u Sur Kevin Fsadni tal-MTA. L-MTA kellha ammont żgħir ta' fondi li xtaqet tuża f'Marsaxlokk u kienet iddeċidiet li tuża dawn il-fondi biex jittranġa l-parkeġġ ta' St Peter's Pool.

9. Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**